# INFORMATION SHEET SETTEMBRU 2011

IKUN MFAĦĦAR ĠESU KRISTÙ!

AZZJONI KATTOLIKA MALTIJA
ISTITUT KATTOLIKU
FLORIANA FRN 1441
TEL: 21 222239/21 237031
Website: www.akmalta.org
Email: infosheet@akmalta.org

SETTEMBRU 2011 NUMRU 268 NEWSPAPERPOST

## MADWARNA

**Apprezzament**- Fis-26 t'Awwissu 2011 tħabbret il-mewt għal għarrieda tas-Sur Emanuel Saliba, President Djoċesan t'Għawdex. Din l-aħbar mhux mistennija ħasdet mhux biss lill-familjari tiegħu iżda wkoll lil dawk kollha li kienu jafuh, b'mod partikulari l-membri tal-Azzjoni Kattolika t'Għawdex kif ukoll lid-Direttorju tal-AKM.

Għalkemm okkupa din il-kariga li kien imsejjaħ jaqdi għal diversi snin baqa' dejjem juri en-tużjażmu qawwi fil-ħidma tiegħu. Kienet tispikka ħafna d-disponibbiltà tiegħu lejn il-familja, l-Parroċċa u l-Azzjoni Kattolika.

Lilna bħala AKM kien dejjem jonorana bil-preżenza tiegħu, flimkien mad-Delegazzjoni tal-AK t'Għawdex li kien imexxi, waqt l-Assemblea Ġenerali. Tassew li bl-eżempju u x-xhieda tiegħu wassal lil Kristu lill-oħrajn. Grazzi Manwel !

Nhar is-Sibt 10 ta' Settembru 2011 fis-6.00 ta' filgħaxija id-Dar Ċentrali tal-AK f'Għawdex se ssir quddiesa mmexxija minn Mons Isqof Mario Grech b'suffraġju għall-ruħu.

**Programm tas-Sena Soċjali**- Mehmuż f'din il-ħarġa tal-*Information Sheet* għandkom il-programm kollu tal-AKM Ġenerali u l-Frieghi u Kummissjonijiet. Ħudu ħsieb li tieħdu nota tad-dati tal-attivitajiet importanti fil-kalendarju tagħkom.

Agħtu importanza kbira lill-**ASSEMBLEA ĠENERALI** li ssir f'Ottubru, l-membri kollha huma mħeġġa biex jattendu.

**Proġett ŻAK House B'Kara-** Matul il-ġimgħat li għaddew il-bini u x-xogħol fuq il-proġett ta' ŻAK House, B'Kara kompla għaddej b'ritmu tajjeb. Nistgħu ngħidu li l-ewwel fażi tlestiet u diġa` tħallset l-ewwel somma tal-ispiża. Fil-jiem li ġejjien se jiġi ffirmat il-kuntratt tal-*loan* li ŻAK qed tissellef biex dal-proġett ikun jista' jitwettaq. Naturalment dan il-*loan* irid jibda jiġi mħallas b'pagamenti kull xahar.

**Xogħol Strutturali fl-Istitut Kattoliku-** Matul il-ġimgħat li għaddew sar ħafna xogħol strutturali fl-Istitut Kattoliku. Fl-ewwel sular ukoll kien hemm xi xogħolijiet għaddejjin u dan fisser ħafna trab u inkonvenjent għalina.

Qed nagħmel appell għall-għajnuna fit-tindif. Hemm bżonn kbir li niffriskaw u nnaddfu l-Kamra tad-Direttorju qabel ma nerġgħu nibdew niltaqgħu fiha. Qed nitlob lill-Presidenti taċ-ċirkoli biex isibu imqar persuna waħda li tista' tiġi tagħti daqqa t'id nhar **it-Tlieta 6 ta' Settembru filgħodu.**

President Ġenerali

Sinjura Carmen Agius

# PROGRAMM GĦAS-SENA SOĊJALI 2011 –2012

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | **SETTEMBRU** | **2011** |
| Ħamis | 1 | Fergħa Nisa | Kunsill Ċentrali - 9.30 ta' filgħodu - Istitut Kattoliku |
| Sibt | 10 | ŻAK | BBQ Nazzjonali |
| Tlieta | 13 | Direttorju | Laqgħa fis-6.00 ta' filgħaxija |
| Ħadd | 18 | ŻAK | Support Group |
| Tnejn | 19 | Fergħa Rġiel | Laqgħa Kunsill fil-5.30 ta' filgħaxija - Istitut Kattoliku |
| Ħamis | 22 | Fergħa Nisa | Laqgħa Formattiva I - 9.30 ta' filgħodu - Istitut Kattoliku |
| Ħadd | 25 | ŻAK | *Car Treasure Hunt* |
| Ħadd | 25 | Fergħa Rġiel | Irtir fil-Knisja tal-Vitorja il-Belt mid-9.00 - 11.30 ta' filgħodu |
| Tlieta | 27 | Direttorju | Laqgħa fis-6.00 ta' filgħaxija |
| Ħamis | 29 | Kumm. Ħidma Morda | Laqgħa tal-Kummissjoni fis-6.00 ta' filgħaxija |
| | | **OTTUBRU** | **2011** |
| Ħamis | 6 | Fergħa Nisa | Kunsill Ċentrali fid-9.30 ta' filgħodu - Istitut Kattoliku |
| Ħamis | 6 | Fergħa Xebbiet | Kunsill Ċentrali fis-6.00 ta' filgħaxija - Istitut Kattoliku |
| Ħadd | 9 | Membri Kollha | Ikla organizzata mill-Kummissjoni Fund Raising *dettalji aktar tard* |
| Tlieta | 11 | Direttorju | Laqgħa fis-6.00 ta' filgħaxija |
| Erbgħa | 12 | Fergħa Nisa | Laqgħa Delegati Romol |
| Erbgħa | 12 | Dar Familja Mqaddsa | Laqgħa Kumitat tal-qraba |
| Ħamis | 13 | Dar Familja Mqaddsa | Laqgħa Bord ta' Tmexxija |
| **Ħadd** | **16** | **Membri Kollha** | **Assemblea Ġenerali - *dettalji aktar tard*** |
| Tnejn | 17 | Fergħa Rġiel | Laqgħa Kunsill fil-5.30 ta' filgħaxija - Istitut Kattoliku |
| Tlieta | 25 | Direttorju | Laqgħa fis-6.00 ta' filgħaxija |
| Erbgħa | 26 | Dar Familja Mqaddsa | Laqgħa Kumitat tal-Qraba |
| Ħamis | 27 | Fergħa Nisa | Assemblea Fergħa Nisa - *dettalji aktar tard* |
| Ġimgħa | 28 | SAS | Laqgħa tal-Kunsill fis-6.00 ta' filgħaxija |
| Ħadd | 30 | Kumm. Ħidma Morda | Laqgħa Marjana - *dettalji aktar tard* |
| | | **NOVEMBRU** | **2011** |
| Tlieta | 1 | Kumm. Ħidma Morda | Laqgħa tal-Kummissjoni fis-6.00 ta' filgħaxija |
| Ħamis | 3 | Fergħa Nisa | Kunsill Ċentrali fid-9.30 ta' filgħodu - Istitut Kattoliku |
| Ħamis | 3 | Fergħa Xebbiet | Kunsill Ċentrali fis-6.00 ta' filgħaxija - Istitut Kattoliku |
| Ħamis | 3 | Dar Familja Mqaddsa | Laqgħa Bord tat-Tmexxija |
| Ġimgħa<br>Ħadd | 4-<br>6 | ŻAK | 20+ Seminar - *Way Forward* |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Tnejn | 7 | Dar Familja Mqaddsa | Laqgħa Kumitat tal-qraba |
| Tlieta | 8 | Direttorju | Laqgħa fis-6.00 ta' filgħaxija |
| Ħamis | 10 | Fergħa Nisa | Laqgħa ta' talb għar-romol - *dettalji aktar tard* |
| Ħamis | 17 | Fergħa Nisa | Skola tal-Appostolat - 9.30 ta' filgħodu - Istitut Kattoliku |
| Sibt | 19 | Direttorju & Kunsilli | Ċenaklu - *dettalji aktar tard* |
| Tnejn | 21 | Fergħa Rġiel | Laqgħa Kunsill fil-5.30 ta' filgħaxija - Istitut Kattoliku |
| Tlieta | 22 | Direttorju | Laqgħa fis-6.00 ta' filgħaxija |
| Ħamis - Ħadd | 24 27 | ŻAK | *FIMCAP Euroconference hosted by* ŻAK |
| Ħadd | 27 | Fergħa Rġiel | Irtir |
| Ġimgħa | 25 | SAS | Laqgħa tal-Kunsill fis-6.00 ta' filgħaxija |
| Erbgħa | 30 | Fergħa Nisa | Forum Day |
| | | **DIĊEMBRU** | **2011** |
| Ħamis | 1 | Fergħa Nisa | Kunsill Ċentrali - 9.30 ta' filgħodu - Istitut Kattoliku |
| Ħamis | 1 | Fergħa Xebbiet | Kunsill Ċentrali fis-6.00 ta' filgħaxija - Istitut Kattoliku |
| Tnejn | 5 | Dar Familja Mqaddsa | Laqgħa Kumitat tal-qraba |
| Tlieta | 6 | Direttorju | Laqgħa fis-6.00 ta' filgħaxija |
| Tlieta | 6 | Kumm. Ħidma Morda | Laqgħa tal-Kummissjoni fis-6.00 ta' filgħaxija |
| Ħamis – Ħadd | 8-11 | Dar Familja Mqaddsa | Bazaar |
| Ħadd | 11 | Kumm. Ħidma Morda | IKLA - *dettalji aktar tard* |
| Erbgħa | 14 | Dar Familja Mqaddsa | Laqgħa Kumitat tal-Qraba |
| Ħamis | 15 | Fergħa Nisa | Skola tal-Appostolat - 9.30 ta' filgħodu - Istitut Kattoliku |
| Ħamis | 15 | Dar Familja Mqaddsa | Premju Id tad-Deheb - *dettalji aktar tard* |
| Tnejn | 19 | Fergħa Rġiel | Laqgħa Kunsill fil-5.30 ta' filgħaxija - Istitut Kattoliku |
| Tlieta | 20 | Fergħa Nisa | Laqgħa Socjali Romol - *dettalji aktar tard* |
| | | **JANNAR** | **2012** |
| Ħamis | 5 | Fergħa Nisa | Kunsill Ċentrali fid-9.30 ta' filgħodu - Istitut Kattoliku |
| Ħamis | 5 | Fergħa Xebbiet | Kunsill Ċentrali fis-6.00 ta' filgħaxija - Istitut Kattoliku |
| **Sibt** | **7** | **Diriġenti Kollha** | **Tesserament Ċentrali - *dettalji aktar tard*** |
| Tlieta | 10 | Fergħa Nisa | Laqgħa Distrettawali I - *dettalji aktar tard* |
| Tlieta | 10 | Direttorju | Laqgħa fis-6.00 ta' filgħaxija |
| Tlieta | 10 | Kumm. Ħidma Morda | Laqgħa tal-Kummissjoni fis-6.00 ta' filgħaxija |
| Ħamis | 12 | Dar Familja Mqaddsa | Laqgħa Bord tat-Tmexxija |
| Tnejn | 16 | Fergħa Rġiel | Laqgħa Kunsill fil-5.30 ta' filgħaxija - Istitut Kattoliku |
| Ħamis | 19 | Fergħa Nisa | Skola ta' l-Appostolat fid-9.30 ta' filgħodu - Istitut Kattoliku |
| Tlieta | 24 | Direttorju | Laqgħa fis-6.00 ta' filgħaxija |
| Erbgħa | 25 | Fergħa Nisa | Laqgħa Distrettawali II - *dettalji aktar tard* |
| Ġimgħa | 27 | SAS | Laqgħa tal-Kunsill fis-6.00 ta' filgħaxija |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | **FRAR** | **2012** |
| Ħamis | 2 | Fergħa Nisa | Kunsill Ċentrali fid-9.30 ta' filgħodu - Istitut Kattoliku |
| Ħamis | 2 | Fergħa Xebbiet | Kunsill Ċentrali fis-6.00 ta' filgħaxija - Istitut Kattoliku |
| Ħamis | 2 | Dar Familja Mqaddsa | Laqgħa Bord tat-Tmexxija |
| Tlieta | 7 | Kumm. Ħidma Morda | Laqgħa għal-Voluntieri |
| Tlieta | 14 | Direttorju | Laqgħa fis-6.00 ta' filgħaxija |
| Erbgħa | 15 | Dar Familja Mqaddsa | Laqgħa Kumitat tal-qraba |
| Ħamis | 16 | Fergħa Nisa | Laqgħa SAS - *dettalji aktar tard* |
| Tnejn | 20 | Fergħa Rġiel | Laqgħa Kunsill fil-5.30 ta' filgħaxija - Istitut Kattoliku |
| Ħamis | 23 | Fergħa Nisa | Laqgħa SAS - *dettalji aktar tard* |
| Ħamis | 23 | Dar Familja Mqaddsa | Laqgħa Bord tat-Tmexxija |
| Ġimgħa | 24 | SAS | Laqgħa tal-Kunsill fis-6.00 ta' filgħaxija |
| Sibt | 25 | Direttorju & Kunsilli | Irtir - *dettalji aktar tard* |
| Ħadd | 26 | Fergħa Rġiel | Irtir |
| Tnejn — Erbgħa | 27-29 | Fergħa Nisa | Eżerċizzi għar-romol |
| Tlieta | 28 | Direttorju | Laqgħa fis-6.00 ta' filgħaxija |
| | | **MARZU** | **2012** |
| Ħamis | 1 | Fergħa Nisa | Kunsill Ċentrali fid-9.30 ta' filgħodu - Istitut Kattoliku |
| Ħamis | 1 | Fergħa Xebbiet | Kunsill Ċentrali fis-6.00 ta' filgħaxija - Istitut Kattoliku |
| Ġimgħa | 2 | Fergħa Nisa | World Day of Prayer - *dettalji aktar tard* |
| Tlieta | 6 | Kumm. Ħidma Morda | Laqgħa tal-Kummissjoni fis-6.00 ta' filgħaxija |
| Tnejn | 12 | Dar Familja Mqaddsa | Laqgħa Kumitat tal-qraba |
| Tlieta | 13 | Direttorju | Laqgħa fis-6.00 ta' filgħaxija |
| Ħamis | 15 | Fergħa Nisa | Skola tal-Appostolat fid-9.30 ta' filgħodu - Istitut Kattoliku |
| Tlieta | 27 | Direttorju | Laqgħa fis-6.00 ta' filgħaxija |
| Erbgħa | 28 | Dar Familja Mqaddsa | Laqgħa Kumitat tal-qraba |
| Ħamis | 29 | Fergħa Nisa | Laqgħa Formattiva II - 9.30 ta' filgħodu -Istitut Kattoliku |
| Ħamis | 29 | Dar Familja Mqaddsa | Laqgħa Bord tat-Tmexxija |
| Ġimgħa | 30 | SAS | Laqgħa tal-Kunsill fis-6.00 ta' filgħaxija |
| | | **APRIL** | **2012** |
| Tnejn | 2 | Dar Familja Mqaddsa | Laqgħa Kumitat tal-qraba |
| Tlieta | 3 | Kumm. Ħidma Morda | Laqgħa tal-Kummissjoni fis-6.00 ta' filgħaxija |
| Ħamis | 5 | Fergħa Xebbiet | Kunsill Ċentrali fis-6.00 ta' filgħaxija - Istitut Kattoliku |
| Tlieta | 10 | Direttorju | Laqgħa fis-6.00 ta' filgħaxija |
| Ħamis | 12 | Fergħa Nisa | Kunsill Ċentrali - 9.30 ta' filgħodu - Istitut Kattoliku |
| Tnejn | 20 | Fergħa Rġiel | Laqgħa Kunsill fil-5.30 ta' filgħaxija - Istitut Kattoliku |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Ħamis | 19 | Fergħa Nisa | Skola tal-Appostolat - 9.30 ta' filgħodu - Istitut Kattoliku |
| Ħamis | 19 | Dar Familja Mqaddsa | Laqgħa Bord tat-Tmexxija |
| Tlieta | 24 | Direttorju | Laqgħa fis-6.00 ta' filgħaxija |
| Erbgħa | 25 | Dar Familja Mqaddsa | Laqgħa Kumitat tal-qraba |
| Ħamis | 26 | Fergħa Nisa | Festa ta' Santa Katarina - *dettalji aktar tard* |
| Ġimgħa | 27 | SAS | Laqgħa tal-Kunsill fis-6.00 ta' filgħaxija |
| Ħadd—Tnejn | 29-30 | Dar Familja Mqaddsa | Bazaar |
| Tnejn | 30 | Dar Familja Mqaddsa | Laqgħa Kumitat tal-qraba |
| | | **MEJJU** | **2012** |
| Tlieta | 1 | Kumm. Ħidma Morda | Laqgħa tal-Kummissjoni fis-6.00 ta' filgħaxija |
| Ħamis | 3 | Fergħa Nisa | Kunsill Ċentrali - 9.30 ta' filgħodu - Istitut Kattoliku |
| Ħamis | 3 | Fergħa Xebbiet | Kunsill Ċentrali fis-6.00 ta' filgħaxija - Istitut Kattoliku |
| Tlieta | 8 | Direttorju | Laqgħa fis-6.00 ta' filgħaxija |
| Ħamis | 10 | Dar Familja Mqaddsa | Laqgħa Bord tat-Tmexxija |
| **Sibt** | **12** | **Membri Kollha** | **Quddiesa id-Dar tal-Providenza** |
| Ħamis | 17 | Fergħa Nisa | Elezzjoni tal-Kunsill |
| Ħamis | 17 | Dar Familja Mqaddsa | Laqgħa Bord tat-Tmexxija |
| Ħadd | 20 | Fergħa Rġiel | Irtir |
| Tnejn | 21 | Fergħa Rġiel | Laqgħa Kunsill fil-5.30 ta' filgħaxija - Istitut Kattoliku |
| Tlieta | 22 | Direttorju | Laqgħa fis-6.00 ta' filgħaxija |
| Erbgħa | 23 | Dar Familja Mqaddsa | Laqgħa Kumitat tal-qraba |
| Ġimgħa | 25 | SAS | Laqgħa tal-Kunsill fis-6.00 ta' filgħaxija |
| Ħamis | 31 | Fergħa Nisa | WUCWO Day - *dettalji aktar tard* |
| Ħamis | 31 | Dar Familja Mqaddsa | Laqgħa Bord tat-Tmexxija |
| | | **ĠUNJU** | **2012** |
| Tnejn | 4 | Dar Familja Mqaddsa | Laqgħa Kumitat tal-qraba |
| Tlieta | 5 | Kumm. Ħidma Morda | Laqgħa tal-Kummissjoni fis-6.00 ta' filgħaxija |
| Erbgħa | 6 | Fergħa Nisa | Kunsill Ċentrali - 9.30 ta' filgħodu - Istitut Kattoliku |
| Ġimgħa | 8 | Fergħa Nisa | Ħarga għar-Romol għal Għawdex |
| Tlieta | 12 | Direttorju | Laqgħa fis-6.00 ta' filgħaxija |
| Ħamis | 14 | Fergħa Nisa | Laqgħa Formattiva III - 9.30 ta' filgħodu - Istitut Kattoliku |
| Ħadd | 17 | Dar Familja Mqaddsa | Attività Soċjali f'Jum il-Missier |
| Tnejn | 18 | Fergħa Rġiel | Laqgħa Kunsill fil-5.30 ta' filgħaxija - Istitut Kattoliku |
| Erbgħa | 20 | Dar Familja Mqaddsa | Laqgħa Kumitat tal-qraba |
| Ħamis | 21 | Dar Familja Mqaddsa | Laqgħa Bord tat-Tmexxija |
| Ġimgħa | 22 | SAS | Laqgħa tal-Kunsill fis-6.00 ta' filgħaxija |
| **Tlieta** | **26** | **Kunsilli Ġenerali** | **Laqgħa Ġenerali** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Ħamis | 28 | Dar Familja Mqaddsa | Laqgħa Bord tat-Tmexxija |
| Ġimgħa | 29 | Kumm. Ħidma Morda | Laqgħa Redentur |
| Tnejn | 30 | Dar Familja Mqaddsa | Laqgħa Kumitat tal-qraba |
| | | **LULJU** | **2012** |
| Tnejn | 2 | Dar Familja Mqaddsa | Laqgħa Kumitat tal-qraba |
| Ħamis | 5 | Fergħa Nisa | Kunsill Ċentrali - 9.30 ta' filgħodu - Istitut Kattoliku |
| Tnejn | 16 | Fergħa Rġiel | Laqgħa Kunsill fil-5.30 ta' filgħaxija - Istitut Kattoliku |
| Ħamis | 19 | Fergħa Nisa | Quddiesa ta' Ringrazzjament |
| Ħamis | 19 | Dar Familja Mqaddsa | Laqgħa Bord tat-Tmexxija |
| Sibt | 21 | Dar Familja Mqaddsa | Garden Dinner |
| Erbgħa | 25 | Dar Familja Mqaddsa | Laqgħa Kumitat tal-qraba |

## Kummissjoni Ħidma għall-Morda u Persuni b'Diżabilità



**SOLIDARJETÀ**- Il-programm li tippreżenta l-A.K.M. ddedikat lil-morda u persuni b'diżabilità bl-isem **SOLIDARJETÀ** qed jinstema kull nhar ta' Ħadd bejn 7.15 u 7.45 ta' filgħaxija fuq Radju Malta. Dawn huma d-dati tal-Programm għax-xahar ta' Settembru: 4, 11, 18 u 25.

# ASSEMBLEA ĠENERALI 2011

Id-Direttorju Ġenerali

jistieden lill-membri kollha tal-Azzjoni Kattolika

għal din iċ-ċelebrazzjoni fl-okkażjoni tal-ftuħ tas-Sena Soċjali

**Nhar il-Ħadd 16 ta' Ottubru 2011**

*Dettalji jingħataw fil-ħarga li jmiss.*

# SEGRETARJAT ASSISTENZA SOĊJALI

# TAL-AZZJONI KATTOLIKA

## PROGRAMM GĦAS-SENA SOĊJALI 2011/2012

**1.1 Daħla**

1.2 Kieku kellna nistaqsu "F'liema livell ta' dedikazzjoni wasalna f'ħajjitna biex naslu nilħqu l-foqra? Xi tkun it-tweġiba tagħna? Huwa meta niltaqgħu mal-kontemplazzjoni ta' Kristu naslu għand dawk li Kristu stess identifika ruħu magħhom, "Għax jien kont bil-ġuħ u tmajtuni, kont bil-għatx u sqejtuni, kont barrani u lqajtuni, kont għeri u libbistuni, kont marid u ġejtu tarawni, kont fil-ħabs u ġejtu żżuruni." (Mt.25,35-36)

1.3 Min jaċċetta lil Kristu bħala s-Sid tiegħu, jiskopri l-imħabba ta' Alla fil-milja tagħha. Jasal biex jagħmel minn ħajtu "Karità" kollha kemm hi (Ef.3,17) u jitgħallem jitkellem fuq l-imħabba vera u jwettaq ġesti u opri ta' mħabba mal-iżgħar fost iż-żgħar (1Ġw 4,7).

1.4 Ħajjitna tibda tkun mixja <u>naturali</u> ta' mħabba u allura b'ġesti konkreti lejn il-fqir. Din verament tkun ħajja nisranija.

1.5 Il-Konverżjoni, il-mixja spiritwali li twassalna ftit ftit lejn esperjenza ta' fidi ħajja hija l-punt ta' tluq biex verament nersqu lejn il-fqir, "insiru persuni ġodda minn ġewwa". Imbagħad nieqfu nippuntaw subgħajna jew nitkellmu fil-vojt fuq ħaddieħor għax "nitkażaw" bihom.

1.6 Jekk inkunu kapaċi nkunu xhieda evanġelika fil-qadi, inkunu qed nagħtu glorja lill-Missier Divin u ħaddieħor jagħraf iżjed lil Alla. Din tkun verament prietka ħajja.

Din hi s-sejħa tal-Knisja, din hi s-sejħa tal-lajċi.

1.7 Is-Segretarjat Assistenza Soċjali, li fl-1 ta' Mejju 2012 jagħlaq 50 sena mit-twaqqif tiegħu, għandu jkun ir-ruħ tal-Azzjoni Kattolika biex il-membri jgħixu l-ispirtu qaddis ħalli jiskopru l-valuri tal-ġid komuni; tat-tolleranza, tas-solidarjetà, tal-ko-responsabbiltà, tal-ġustizzja soċjali.

2.1 <u>Objettivi tal-ħidma tas-SAS għal matul din is-sena soċjali</u>

**2.2 Dixxerniment**

Irridu nsibu l-ħin personali imma wkoll bħala grupp u gruppi fil-Parroċċi għal dixxerniment profond biex propju f'għeluq il-50 sena mit-twaqqif tas-SAS nagħrfu nsaffu l-intenzjonijiet tagħna u naħdmu f'ħidma konkreta mal-bniedem fil-bżonn. Ħidma ġeneruża u ġenwina. Dan isir filwaqt li nitolbu 'l Alla jilluminana nagħrfu x'irid minna llum f'dinja ferm u ferm differenti minn 50 sena ilu.

2.3 <u>F'Komunjoni</u>

(a) Is-SAS għandu r-responsabbiltà li bl-akbar umiltà jkun ta' gwida fl-Azzjoni Kattolika biex kull membru fi ħdanha jagħraf il-missjoni tiegħu ta' nisrani li jfittex dejjem is-solidarjetà ma' min huwa fid-diffikultà. Għalhekk fil-programm u fil-ħidma kollha tal-A.K. irid ikun hemm dejjem dan l-ispirtu biex verament inwettqu dak li l-Mulej irid minna. Dan nagħmluh flimkien fi spirtu mill-aktar komunitarju.

(b) Nagħmluh f'komunjoni wkoll fi ħdan il-Kunsill Caritas, l-organu fil-Knisja li jikkoordina l-ħidma soċjali u karitattiva tal-Arċidjoċesi. Dan isir filwaqt li jibqa' dejjem il-bieb miftuħ għal kull entità oħra bħal ma huma l-NGO's oħra u Istituzzjonijiet governattivi li jiffukaw fuq "l-iżgħar fost iż-żgħar".

2.4 Nikbru fil-Formazzjoni

L-ispirtu ta' qadi imnebbaħ mill-fidi tagħna fil-Mulej għandu jentużjażmana biex infittxu li nitgħallmu aktar ħalli s-servizz tagħna jkun effikaċi u effettiv fejn hemm il-bniedem fil-bżonn.

2.5 Jissokta l-kuntatt maċ-ċirkoli fil-Parroċċi

Se jitkompla l-kuntatt u ż-żjajjar tal-Uffiċjali Ċentrali ma' Ċirkoli fil-Parroċċi biex jissaħħu l-għanijiet tas-SAS ħalli jintlaħqu aktar persuni fid-diffikultà.

2.6 Vuċi għal ħaddieħor

Ir-rabta qawwija tagħna mal-Mulej ma tħalliniex indifferenti għall-bżonn ta' ħaddieħor. Għalhekk se nibqgħu għajnejna miftuħin u naraw fejn nistgħu nressqu quddiem l-Awtoritajiet ċivili sitwazzjonijiet ta' faqar li għandhom jiġu indirizzati.

2.7 Inxerrdu t-Tagħlim Soċjali tal-Knisja fuq kull tema soċjali li direttament jew indirettament tolqot lill-bniedem. It-tagħlim soċjali tal-Knisja huwa l-ispirtu evanġeliku msarraf fil-konkret f'dak li jkun qed jiġri fid-dinja. Għalhekk hija wkoll l-missjoni tas-SAS li jinkoraġġixxi lil kulħadd isir midħla ta' dan it-tagħlim.

3.1 **Nilħqu dawn l-obbjettivi billi:**

3.2 Fuq livell personali rridu nkunu persuni ta' talb u qari tal-Iskrittura u qari ieħor li jgħinna nirriflettu fuq il-ħajja nisranija msarrfa f'ħidma ma' ħutna fil-bżonn. Fuq livell kollettiv irridu nissaħħu f'katekeżi ta' karità. Se naħdmu f'ħidma ma' ħaddieħor biex matul din is-sena soċjali nippubblikaw artikli li jkunu Katekeżi propju. Pubblikazzjoni li tkompli tgħin fil-mixja tagħna ħalli nagħrfu l-missjoni tagħna bħala SAS fiż-żminijiet tal-lum, ħamsin sena wara t-twaqqif tal-istess SAS.

3.3 Infittxu kull mod ta' komunikazzjoni

(a) ma' kull settur fl-Azzjoni Kattolika biex flimkien naqsmu dak li bħala membri tal-Azzjoni Kattolika għandu jidentifikana, azzjoni konkreta mal-bniedem fil-bżonn f'kull parroċċa u f'livel nazzjonali.

(b) L-istess komunikazzjoni nfittxuha f'forma oħra fl-istess Kunsill Caritas fejn aħna parti minnu u flimkien ma' NGO's oħra kif ukoll f'Istituzzjonijiet tal-Istat.

3.4 Tagħlim li jsaħħaħna fil-formazzjoni

Dawn se jsiru flimkien mal-Fergħa Nisa u fergħat oħra adulti tal-Azzjoni Kattolika

f'dawn id-dati: Il-Ħamis 16 ta' Frar. Il-Ħamis 23 ta' Frar 2012.

Se naraw li jkun hemm okkażjonijiet oħra ta' formazzjoni f'dati li jitħabbru aktar tard.

3.5 Grupp li jrid jagħti l-frott

Is-sena soċjali li għaddiet twaqqaf grupp żgħir bl-għan li jgħin jidentifika oqsma ta' xejriet ta' faqar fejn is-SAS jista' jagħti kontribut. Dan se jkompli matul din is-sena. Huwa wkoll b'dan l-mod li nkunu vuċi għal ħaddieħor.

3.6 Insiru midħla tat-tagħlim Soċjali tal-Knisja

Se naraw li l-membri tal-Azzjoni Kattolika jkollhom l-opportunità li jsiru midħla tat-tagħlim soċjali tal-Knisja. Dan isir permezz tal-kitba imma wkoll permezz tal-laqgħat li jkollna

4.1 **Servizzi u Ħidma oħra**

4.2 Il-Ħidma konkreta ta' kuljum tas-SAS hija il-ħidma ma' persuni jew familji fid-diffikultà. Dan isir kuljum mis-Social Workers SAS fl-livell ċentrali imma wkoll permezz ta' home visits u ħidma oħra mill-voluntiera SAS fil-Parroċċi. Fl-Uffiċċju Ċentrali SAS fl-Istitut Kattoliku jaslu bosta "Rapporti Soċjali" mill-Parroċċi jew mingħand Aġenziji privati jew governattivi. Hawn jibda proċess kultant twil ma' familji li jkunu fid-diffikultà. Proċess li kultant jitlob is-sehem ta' nies professjonali f'xi qasam jew ieħor. Dan hu l-qofol tax-xogħol tas-SAS.

4.3 Servizz bil-Minibuses SAS

Minkejja d-diffikultajiet li ma jonqsux meta għandek servizz ta' kuljum, dan il-proġett se jitkompla filwaqt li nsaħħu d-djalogu ma' parroċċi oħra ħalli s-servizz jitgawda minn aktar anzjani waħedhom u persuni bi bżonnijiet oħra.

4.4 Ħidma favur il-ħajja

Is-SAS se jkompli jieħu l-inizzjattiva biex il-"Moviment Malti dwar it-Tarbija li se Titwieled" jissokta bil-ħidma tiegħu fis-soċjetà Maltija u kultant anki 'l hemm minna.

4.5 Sapport lill-Kummissjoni Ħidma għall-Morda u Persuni b'diżabilità tal-A.K.fl-attivitajiet li twettaq matul is-sena u l-pubblikazzjoni tar-rivista FARAĠ li titqassam b'xejn lill-Morda u lill-persuni bi bżonnijiet speċjali.

4.6 Sehem fil-Maltese Cross Corps (MCC)

permezz tas-Segretarju SAS li huwa wkoll viċi-President tal-istess MCC .

Il-ħidma ewlenija tal-MCC huwa s-servizz tal-Meals on Wheels.

4.7 Ġimgħa ta' Sagrifiċċju hija attività organizzata kull sena matul il-Ġimgħa Mqaddsa biex l-ispirtu tas-solidarjetà u l-ġustizzja jinxtered fost il-poplu tagħna hekk kif ispirat ukoll mill-Messaġġ tal-Papa għal dan iż-żmien.

5.1 **Konklużjoni**

Din is-sena l-Programm se jkollu diversi attivitajiet oħra minn żmien għal żmien marbuta mal-50 anniversarju tat-twaqqif tas-SAS. L-aktar importanti imma jibqa' li nsaħħu l-intenzjonijiet tagħna biex dak kollu li nagħmlu jkun ta' glorja lil Alla u ta' ġid lil ħutna fil-bżonn.

**SEGRETARJAT ASSISTENZA SOĊJALI**

SERVIZZ BIL-MINIBUSES

Nixtiequ nappellaw b'mod partikulari lil dawk il-Parroċċi li qatt s'issa ma għamlu użu minn dan is-servizz. Araw fil-Parroċċa fejn hemm anzjani li ma joħorġux minħabba l-kundizzjoni tagħhom. Ibbukkjaw ħarġa biex huma wkoll iħossuhom parti mill-Komunità.

Ċemplu fuq **21 654374** u ħallu MESSAĠĠ fuq l-*Answering Machine* u **s-Sur John Carabott** jċempel lura hu stess jew fuq il-*Mobile No:* **79226488** . F'każ ta' diffikultà ċemplu l-Uffiċċju SAS 21220286 u agħmlu l-booking tagħkom.

Grazzi mill-qalb lis-sur Joe Theuma għal ħafna snin ta' servizz li ta lis-SAS